Minuti tal-laqgħa numru tlieta u tletin (33) tal-Kunsill Lokali tar-Rabat (KLR), li nżammet nhar l-Erbgħa, 10 ta' Marzu 2021 fis-6.30pm fi 34 Triq Inguanez, ir-Rabat, Malta.

| PREŻENTI: | Is-Sur Sandro Craus | Sindku |
|---|---|---|
| | Is-Sur Matthew Chetcuti | Viċi Sindku |
| | Is-Sur Christopher Farrugia | Kunsillier |
| | Is-Sur Ian Vassallo | Kunsillier |
| | Is-Sur Nazju Cassar | Kunsillier |
| | Is-Sra Doris Coleiro | Kunsillier |
| | Is-Sur Anthony Bonello | Segretarju Eżekuttiv (SE) |

33.01 **Talba u Qari tal-ittri ta' apoloġija** Ittri ta' Apoloġiji

Ma kienx hemm.

33.02 **Konsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-minuti tas-seduti numru wieħed u tletin (31) u tnejn u tletin (32)** Minuti

Kien hemm korrezzjoni għall-minuti 31 mis-Sindku, is-Sur Sandro Craus dwar il-proġett tan-niċċa ta' San Pawl fuq is-Saqqajja għaliex il-finanzjament tiegħu se jkun qed isir mhux mill-Fond għall-kawżi ġusti iżda mil-Fond taċ-Ċittadinanza b'Investiment u jammonta mhux għal €85,000 iżda għal €100,000
u korrezzjoni tal-Viċi Sindku dwar il-proġett tal-*housing* soċjali fi Triq Ħal Tartarni (in-naħa ta' Triq it-Torri) għaliex sostna illi l-prinċipji laburisti huma illi kulħadd ikollu saqaf fuq rasu u dan hu proġett soċjali.

Minbarra dawn il-minuti kienu ppreżentati il-minuti tal-laqgħa b'urġenza numru 32 li saret nhar il-Ħamis, 4 ta' Marzu 2021 dwar il-*Hill Climb* propost fl-Imtaħleb.

Dawn il-minuti kienu proposti għall-vot mis-Sindku, is-Sur Sandro Craus u ssekondati mill-Viċi Sindku, is-Sur Matthew Chetcuti u għaddew b'vot unanimu.

33.03 **Approvazzjoni taċ-ċedola tal-pagamenti numru 320 u tal-*Works/Purchase Orders* numru 39** Ċedola tal-pagamenti u Works/ Purchases Orde

Kineu approvati iċ-ċedola tal-pagamenti numru 320 u l-*Works/Purchase Orders* numru 39

33.04 **Mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

33.04.01 Illum kien iffirmat il-ftehim man-*Notebook Centre* fil-ħanut tiegħu f'San Ġwann mis-Sindku, is-Sur Sandro Craus u s-Segretarju Eżekuttiv, is-Sur Anthony Bonello. Is-Sindku qal illi stajna naraw residenti ta' lokalitajiet oħra li kienu qed jinqdew biex isirlhom il-*formatting, l-antivirus* u *clean up* mingħajr ħlas. Il-kunsillieri ntalbu sabiex iwasslu l-kelma ħalli min ma jsirx jaf b'din l-inizjattiva minn fuq il-paġna ta' *facebook,* ikun xorta waħda jaf biha u fuq kollox sabiex kull min imur jippreżenta l-karta tal-identità. Notebook Centr agreement

33.04.02 Is-Sindku is-Sur Sandro Craus informa lill-kunsillieri illi nżammet laqgħa mal-artist is-Sur Jennings Falzon u Fr Ray Francalanza biex ikun magħruf ix-xogħol ta' dan l-artist fuq il-basso reliev fhiex jikkonsisti. Is-Sindku ta dettalji tal-materjal, id-diżinn u l-kapaċità tal-artist żgħażugħ għall-Baħrija. Xogħol Artistiku fil-Baħrija

33.04.03 Is-Sindku, is-Sur Sandro Craus qal illi issa l-Ġnien ta' Għar Barka huwa lest u l-inawgurazzjoni tiegħu kienet posposta għal nhar is-26 ta' Marzu minħabba l-miżuri addizzjonali li ttieħdu din il-ġimgħa stess kawża tal-pandemija tal-Covid 19 ġewwa pajjiżna. Ġnien Għar Bark

| | | |
|---|---|---|
| 33.04.04 | Is-Segretarju Eżekuttiv, is-Sur Anthony Bonello qal illi jekk kollox jimxi mal-iskeda, il-van u karozza se jkunu għandna sal-laqgħa li jmiss. | Van u Karozzo |
| 33.04.05 | Is-Segretarju Eżekuttiv, is-Sur Anthony Bonello ikkonferma illi f'każ ta' aktar miżuri kontra l-Pandemija Covid 19, se nibqgħu insegwu d-direttivi tad-Dipartiment tal-Gvern Ċentrali u kull min jiġi biex jinqeda mill-uffiċċju, se jkun inkoraġġit iħallas b'ċekkijiet flok flus kontanti ħalli innaqqsu l-inċidenza li nibilgħu il-virus. | Pandemija Covi 19 |
| 33.04.06 | Is-Sindku, is-Sur Sandro Craus qal illi t-talba biex il-KLR jingħata l-garages/ħwienet f'Għajn Qajjet se titla' bord mill-Awtorità tal-Artijiet. Se nistennew l-eżitu ta' din il-laqgħa. | Garaxxijiet f'Għa Qajjet |
| 33.04.07 | Nhar il-Ħamis, 11 ta' Marzu fit-3.00pm se jkunu intervistati mis-*selection board* l-uniċi żewġ kandidati li kellna għas-sejħa interna għall-Assistant Principal Officer u għal Executive Officer. Kif ikun preżentat ir-rapport, dan se jitla' fil-laqgħa tal-KLR. | Sejħiet Interni |
| 33.04.08 | Is-Sindku, is-Sur Sandro Craus qal illi se jkun iffirmat il-ftehim mas-Sur Joe Micallef biex il-KLR jibda' jopera r-Radju tal-Komunità Mics FM fil-jiem li ġejjin. | Radju tal-Komunità |
| 33.04.09 | Dwar il-proġett tal-*housing* soċjali is-Sur Sandro Craus qal illi għamel komunikat mas-CEO tal-*Housing* u dan se jkellimna lura. Is-Sindku qal illi dan mhux xi proġett li se jkun attwat iminentement, iżda l-applikazzjoni li kellha tiġġedded għaliex il-permess tal-Awtorità tal-Ippjanar kien se jiskadi. Hu sostna illi s'issa għad m'hemmx *budget* għalih fi ħdan l-Awtorità. | Housing Soċjali |
| 33.04.10 | Il-KLR ikkonferma illi mhux se jipparteċipa mal-KLi l-oħra biex jinħareġ kuntratt konġunt tal-Contract Manager mir-Reġjun Tramuntana għar-raġunijiet miġjuba fil-laqgħa numru 31. | Contract Manag |
| 33.04.11 | Is-Sindku, is-Sur Sandro Craus semma' x-xogħlijiet ta' landscaping fi Triq Santa Rita, u ddeskrivih bħala wieħed li miexi b'rata mgħaġġla. Infatti kien konfermat illi dak ta' Triq San Katald issa hu magħluq. Intant issa jonqos it-tankijiet tal-ilma għall-irrigazzjoni u mexxejna l-applikazzjoni tal-elettriku biex inġibu meter ħalli dan isir b'mod awtomatiku. Dwar aktar *landscaping,* wara li tħawwlu diversi siġar ġodda, fosthom dawk Mediterranji bħaż-żebbug u Internazzjonali bħal *bottle trees*, *flame trees*, issa għad fadal ftit xogħol fit-telgħa li minn Triq Santa Rita titla minnha għal Triq ir-Rebħa bit-tħawwil ta' siġra taż-żebbuġ oħra matura u imbagħad insegwu il-permess dwar it-tinda fi Triq ir-Rebħa, il-kamra tal-eks *dispatcher* it-twaqqiegħ ta' taraġ u l-bini ta' ġibjetta għall-irrigazzjoni, it-tindif tar-rampa mserrpa għaliex din tiżloq bil-ħmieġ tal-għasafar ecc. Kien hemm diskussjon wkoll dwar il-propost *railing* jew *stoppers* tal-lastiku biex il-vetturi fil-parkeġġi ma jibqgħux deħlin għal fuq il-bankina u jostakolaw persuni bi bżonnijiet speċjali li jużaw is-siġġijiet tar-roti. | Triq Santa Rita, Triq ir-Rebħa u Triq San Katald |
| 33.04.12 | Kunsillier semma' l-bżonn illi l-kollettur tal-iskart jagħti il-*bins* kbar lir-residenti fi Triq Ħaż-Żebbuġ il-Qadima u titneħħa l-iskip li qed jagħmlu mandra ħdejha bit-tfigħ ta' skart illegali. | Skip fi Triq Ħaż-Żebbuġ il-Qadim |
| 33.05 | **Twaqqif ta' Bord tal-Offerta tar-Restawr taċ-ċimiterju**<br>Kienu appuntati dawn il-persuni. Is-Sra Roberta Galea bħala Ċerpersin u dawn il-membri, Dr Richard Sladden, is-Sur Roderick Bonnici u s-Sur Andrew Spiteri. Is-SE se jkun Segretarju ta' dan il-bord. | Bord ta' Evalwazzjoni |
| 33.06 | **Kunsiderazzjoni tar-Rapport ta' Evalwazzjoni ta' Ġnien Bir Iljun RLC/T/50/188/21**<br>Is-SE ippreżenta r-rapport tat-tieni bord imwaqqaf biex jevalwa l-offerti ta' Ġnien Bir Iljun. Fil-laqgħat l-imgħoddija il-KLR kien diġa' ħa d-deċiżjoni illi taqa' din l-offerta għaliex l-offerenti kollha waqgħu fil-parti teknika. Dan issa kien konfermat u l-KLR qed isostni l-istess deċiżjoni li kien ħa u li kienet għal darb'oħra kontestata mill-istess bidder fil-PCRB. Infatti is-SE ta d-dettalji tad-deċiżjoni meħuda waqt il-laqgħa tal-Kunsill li tiġġustifika illi għal ftit ġranet sakemm ingħalqet din l-offerta kienet diġa' ħarġet offerta simili li ġiegħluna nabbandunaw l-istess PCRB. Is-Sindku, is-Sur Sandro Craus qal illi issa l-KLR qed iżomm lill-dan il-bidder responsabbli f'każ straordinarju kemm-il darba il-KLR jitlef fondi Ewropej għaliex intortament kaxkar saqajħ. | Tender Ġnien Bi Iljun |
| 33.07 | **Talba għal kumpens minħabba ħsarat fuq vettura**<br>Il-Kunsill reġa' ddiskuta l-ittra tas-Sur Jonathan Calleja dwar l-ilment tiegħu imqajjem fil-korrispondenza ta' nhar l-1 ta' Marzu 2021 u dwar ir-risposta tagħna tat-18 ta' Frar 2021 minħabba l-allegat aċċident fi Triq it-Tiġrija f'Jannar 2021. Il-kunsillieri żiedu jgħidu illi dak in-nhar it-triq kienet magħluqa u mhux suppost daħlu vetturi fiha minħabba tabelli li tpoġġew | Talba għal kumpens ta' aċċident. |

mill-kuntrattur ta' IM kantuniera ma Triq Valletta biex ikunu esegwiti xogħlijiet fi Triq it-Tiġrija.

33.08 **Approvazzjoni ta' żewġ proposti ta' attivitajiet għal Skema lokali 'Attivitajiet Kulturali' u dik tal-Kalendarju Kulturali Nazzjonali.** Skemi Lokali

Is-SE *uploadja* mal-agenda u l-minuti fil-*calendar* l-applikazzjoni għal attività Natalis Notabilis u Re-enactment tal-Qawmien tal-Maltin kontra l-Franċiżi bl-intenzjoni li nikkwalifikaw minn skema lokali għall-attivitajiet 2021 flimkien ma' kalendarju ta' attivitajiet kulturali li kien diġa' diskuss f'diversi laqgħat preċedenti. Infatti kienet dedikata apposta laqgħa għal dan l-iskop biex ir-Rabat ikun il-benniena tal-kultura matul is-sena 2022.

33.09 **Qlib ta' permessi minn fuq persuna għal fuq oħra fis-suq il-miftuħ** Suq Miftuħ fi Tri Santa Rita.

Il-KLR iddiskuta dawn iż-żewġ talbiet, waħda minn fuq is-Sur Andrew Gatt għal fuq is-Sur Dylan Tabone ta' posta numru 88 ;u parti minn 89 kif ukoll dik tal-aħwa Pawlu u Francis Galea, posta 33. F'dan il-punt, is-Sindku is-Sur Sandro Craus qal illi l-KLR mhux se jkollu oġġezzjoni għal dan kemm-il darba jinġieb il-permess mid-Dipartiment tal-Kummerċ. Is-Sra Doris Coleiro qalet illi wieħed għandu joqgħod għal dak li tgħid il-liġi għaliex fil-verità teżisti *waiting list* għal vendituri l-ġodda li jixtiequ jarmaw flok oħrajn. Is-Sur Chris Farrugia qal illi wieħed irid ukoll jara kif se jagħmel biex il-vendituri qed jarmaw quddiem l-Għassa tal-Pulizija ma jibqgħux jarmaw u jostakolaw il-parkeġġ tal-Klinika tal-Gvern.

33.10 **In-Niċċa ta' San Pawl tas-Saqqajja** Restawr tan-niċ ta' San Pawl

Is-SE uploadja kopja tal-minuti tal-laqgħa tal-25 ta' Frar li saret fl-uffiċċju mal-Arċikonfraternità bħala dokument ta' din l-Agenda. Is-Sindku, is-Sur Sandro Craus qal illi hu maħsub illi jkun iffirmat il-MOU biex nipproċedu dwar ir-restawr tan-niċċa ta' San Pawl ħalli nibbenefikaw mil-Fond taċ-Ċittadinanza b'Investiment.

33.11 **Talba għal għaxart ijiem *study leave* mill-*Assistant Clerk*** Study Leave

Is-SE ressaq talba li saritlu biex is-Sa Naiomi Bugeja Micallef tagħmel użu minn għaxart ijiem leave għall-studju ħalli ġġib il-kwalifiki li għandha nieqsa skont kif kien miftiehem mal-bord tal-intervisti meta kienet ingaġġata bħala Assistant Clerk. Il-kunsillieri unanimament kienu tal-fehma illi jingħata dan il-leave sabiex is-Sa Bugeja Micallef tkompli l-istudji tagħha kif rakkomandat mis-SE.

33.12 **Rapport finanzjarju (cash basis) ta' Frar 2021 magħmul mis-Sur Marco Scerri** Rapport Finanzjarju

Is-Sur Marco Scerri qal illi fi Frar 2021 il-KLR kellu dħul ta' Eur108,000.00 u infiq ta' Eur106,000.00 maqsum fuq spejjeż amministrattivi ta' Eur16,000.00, dawk rikurrenti għal Eur46,000.00 u Oħrajn varji ta' Eur44,000.00. Għaldaqstant il-KLR għamel *surplus* ta' €2,000.00

33.13 **Punti Oħra**

33.13.01 Is-Sur Ian Vassallo tkellem fuq il-fanali taz-zuntier ta' quddiem il-Bażilika ta' San Pawl. Hu qal illi dawn il-fanali suppost iggalvanizzati u jidher li ħiereġ is-sadid mil-*welding* tagħhom. Is-Sindku, is-Sur Sandro Craus ċempel dak il-ħin u qalulu illi sakemm dawn damu fil-fabbrika, qattar l-ilma fuqhom u ssaddu u se jibgħatu lill-ħaddiem tagħhom biex idurhom mill-ġdid. Fanali tal-Pjazza tal-Parroċċa

33.13.02 Is-Sur Ian Vassallo ilmenta illi Infrastruttura Malta meta għalqu Triq Tabija, iddevjaw it-traffiku għal Triq it-Torri l-Aħmar u issa jidher li sfrodat it-triq u niżlet 'l isfel pied. Hu qal illi l-KLR għandu jibgħat għall-assistenza tat-*traffic marshalls* biex isegwu t-traffiku addizzjonali kawża tat-traffiku goff fi Triq GBO. Traffiku minħab xogħlijiet fir-Rabat.

33.13.03 Is-Sur Ian Vassallo ilmenta wkoll illi qed ikun hemm abbuż minn vetturi jinstaqu b'veloċità elevata fil-belveder f'Tal-Virtù. Is-SE qal illi l-istess ħaġa qed issir fil-Baħrija u esebixxa *pen drive* li fuqha ġie rrekordjat filmat ta' inċidenza ta' dan it-tip fis-satra tal-lejl fil-pjazza quddiem il-ħwienet. Għaldaqstant se nagħmlu rikjesta biex dawn is-siti jkunu segwiti mil-Pulizija tal-Komunità. Vetturi jinstaqu speed elevat

33.14 **Tmiem il-laqgħa u data u l-ħin tas-seduta li jmiss** Aġġornament

Il-laqgħa intemmet fit-20.00pm u dik li jmiss se ssir nhar l-1 ta' April 2021.



Kunsill Lokali tar-Rabat; 30, Triq Inguanez, ir-Rabat, Malta; Tel: 21455000; E-mail: rabat.malta.lc@gov.mt

| (IFFIRMATA) | | (IFFIRMATA) |
|---|---|---|
| Magħmula minn Anthony Bonello<br>Segretarju Eżekuttiv | u approvati llum 1 ta' April 2021 minn | Sandro Craus<br>Sindku |



Kunsill Lokali tar-Rabat; 30, Triq Inguanez, ir-Rabat, Malta; Tel: 21455000; E-mail: rabat.malta.lc@gov.mt